**4 ta' Diċembru**

**Tifkira ta'**

S. ĠWANN DAMAXXENU,

SAĊERDOT U DUTTUR TAL-KNISJA

Twieled f'Damasku minn familja nisranija fit-tieni nofs tas-seklu 7. Tħarreġ tajjeb ħafna fil-filosofija, daħal reliġjuż fil-monasteru ta' S. Saba qrib Ġerusalem, u ordna saċerdot. Kiteb ħafna tagħlim teoloġiku, l-aktar kontra dawk li riedu jwaqqfu l-ġieħ mogħti lix-xbihat qaddisa. Miet f'nofs is-seklu 8.

Mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja...

Talba

Agħtina, Mulej, il-għajnuna bit-talb tas-saċerdot San Ġwann Damaxxenu, biex il-fidi vera, li hu fisser bit-tagħlim sod tiegħu, tkun dejjem id-dawl u l-qawwa tagħna. B'Ibnek.